## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**RIK NRU 163/2024** WARA L-ITTRA UFFIĊJALI BIN-NUMRU 105/2022 IPPREŻENTATA FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 166A TAL-KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12, LIĠIJIET TA' MALTA) FL-ISMIJIET: **WING & SUN INTERNATIONAL LIMITED (C93127) V. REMAN SERVICES LIMITED (C69887)**

(L-"ATT ĠUDIZZJARJU IEĦOR" IMSEMMI FL-ART. 166A(5) TAL-KAP. 12 BĦALA L-ATT LI JISKATTA T-TERMINU PERENTORJU TA' GHOXRIN ĠURNATA GHALL-PREŻENTATA TAT-TALBA GHAR-REXISSJONI TA' TITOLU EŻEKUTTIV OTTJENUT TAĦT L-ISTESS ARTIKOLU, JRID IKUN IMSEJJES FUQ DAK IT-TITOLU U MHUX FUQ XI TITOLU DIVERS)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' April 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Reman Services Limited (imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2024[1] li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. **'Illi fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena 2022, is-socjeta' rikorrenti preżentat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12, Ligijiet ta' Malta), liema ittra ghandha n-numru 105/2022 (l-"Ittra Ufficjali" ), u dan sabiex tikseb titolu ezekuttiv kontra s-socjeta' esponenti ghad-dejn pretiz minnha;**

[1] Fol 1-16

2. **Illi Reman Services Limited hija socjeta' bl-indirizz tal-ufficju rregistrat taghha Office 1/967, Level G, Quantum House, 75, Abate Rigord Steet, Ta' Xbiex, u ilha b' dan I-indirizz sa mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar 2018, hekk kif jirrizulta mill-kopja tal-Formola Q, ossia I-formola ghan-notifika ta' tibdil fl-ufficcju registrat tal-kumpanija ai termini tal-Artikolu 79(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386, Ligijiet ta' Malta), kopja ta' liema hija hawn annessa u indikata bhala DOK R1;**

3. **Illi qabel id-data hawn fuq imsemmija 1-indirizz registrat tas-socjeta esponenti kien Vision Exchange Building Level I, Territorials Street, Birkirkara, hekk kif jirrizulta mill-kopja tal-Formola Q, ossia I-formola ghan-notifika ta' tibdil fl-ufficcju registrat tal-kumpanija ai termini tal-Artikolu 79(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386, Ligijiet ta' Malta), kopja ta' liema hija hawn annessa u indikata bhala DOK R2 li tindika illi s-socjeta' esponenti bidlet I-ufficju registrat taghha ghal dak indikat fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena 2017;**

4. **Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena 2022, sar attentat sabiex is-socjeta' esponenti tigi notifikata fl-indirizz Level 2, Onsite Buildings, Valley Road, Birkirkara, kif jirrizulta rnill-kopja tal-Ittra Ufficjali annessa u mmarkata bhala DOK R3, liema notifika giet erronjament irregistrata bhala wahda pozittiva;**

5. **Illi I-indirizz li fih saret in-notifika ma jikkorrispondix mal-indirizz tal-ufficju irreġistrat tas-socjeta' esponenti, u ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti qatt ma setghet giet validament u korrettament notifikata bl-Ittra Ufficjali stante illi I-indirizz kien skorrett. Tant huwa hekk illi s-socjeta' esponenti ma kienitx taf bl-ezistenza ta' din I-ittra uffiċjali sakemm skopriet b' dan biss ricentarnent b'kumbinazzjoni tramite I-avukat taghha, u mhux b'rizultat ta' xi notifika;**

6. **Illi huwa car li s-socjeta' Wing & Sun International Limited uzata indirizz hazin sabiex hija tottjeni titolu ezekuttiv kontra s-socjeta esponenti b'malizzja u b'abbuz tal-procedura stipulata taht I-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12, Ligijiet ta' Malta);**

7. **Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena 2022, I-ittra ufficjali giet reza eżekuttiva kontra s-socjeta' esponenti skond I-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12, Ligijiet ta' Malta) taht il-pretensjoni zbaljata illi s-socjeta' esponenti kienet giet notifikata pozittivament u li minkejja dan ma pprezentat ebda risposta;**

8. **Illi b'konsegwenza, is-socjeta' esponenti giet impoggija f'sitwazzjoni fejn I-ittra uffiċjali saret titolu ezekuttiv minghajr ma qatt kellha I-opportunita' illi toggezzjona ghall-ezistenza tad-dejn pretiz permezz tal-Ittra Ufficjali, u dan stante illi hija qatt ma giet korrettament notifikata bl-ittra ufficjali;**

9. **Illi fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena 2022, is-socjeta' rikorrenti intavolat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju abbazi tal-ittra ufficjali msemmija, liema rikors gie milqugh u b'hekk inhareg il-mandat deskritt li ghandu n-numru 1376/2022. Dan il-mandat ma giex notifikat validament diment illi, ghal darbohra, gie erronjament indikat li l-indirizz tal-ufficju rregistrat tas-socjeta' esponenti huwa Level 2, Onsite Buildings, Valley Road, Birkirkara;**
10. **Illi sussegwentament, fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena 2024, is-socjeta' rikorrenti intavolat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv abbazi tal-istess kreditu allegat, liema rikors gie milqugh u b'hekk inhareg il-mandat bin-numru 72/2024;**
11. **Illi fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena 2024 sar attentat sabiex is-socjeta' esponenti tiġi nnotifikata bil-mandat bin-numru 72/2024 fl-indirizz Level 2, Onsite Buildings, Valley Road, Birkirkara, izda din ma gietx innotifikata ghaliex il-marixxal ma sabx din il-kumpanija fl-indirizz imsemmi;**
12. **Illi kopji tal-mandati msemmija jinstabu hawn annessi u mmarkati bhala DOK R4i u R4ii;**
13. **Illi s-socjeta' esponenti hija tal-umli fehma illi l-ittra ufficjali ghandha titqies bhala nulla u bla ebda effett ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal- Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12, Ligijiet ta' Malta) stante illi s-socjeta' esponenti qatt ma giet notifikata bl-Ittra Ufficjali u b'rizultat ma kienetx u ma setghetx tkun konxja bl-ezistenza taghha fiz-zmien opportun sabiex topponi fi zmien opportun;**

**Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull provvediment u dikjarazzjoni ohra li tidhrilha xierqa, tirrexindi u tiddikjara nulla u bla effett fil-ligi t-titolu ezekuttiv miksub permezz tal-Ittra Ufficjali bin-numru 105/2022, u konsegwentament tirrevoka wkoll kull mandat li nhareg in segwitu tal-imsemmija ittra, inkluz il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv prezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet fuq premessi bin-numru 72/2024.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.”**

wara li rat ir-risposta ta’ Wing & Sun International Limited (imsejjħa “il-kumpanija intimata” jew “l-intimata”) ippreżentata fit-22 ta’ Novembru 2024[2] li permezz tagħha

**“Illi qabel xejn l-azzjoni tas-socjeta Reman Services Limited hija preskritta u perenta u dana ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi tali azzjoni ma tressqitx mid-debitrici "fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat**

---

[2] Fol 39-60

**ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu" hekk kif jirrizulta ukoll mill-anness rikors ghal zbank Dok. A notifikat lilha fit-23 ta' April 2024, liema rikors ta' zbank**

**mhux biss jaghmel riferenza ghall-ittra ufficcjali mertu ta' dawn il-proceduri imma sahansitra ukoll kien hemm kopja taghha mehmuza mieghu.**

**Illi l-ittra ufficcjali maghmula taht l-Artikolu 166A mertu ta' dawn il-proceduri giet debitament notifikata lis-socjeta Reman Services Limited u dana hekk kif fuq kollox jirrizulta mill-istess riferta pozittiva.**

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-talbiet imressqa mis-socjeta Reman Services fir-rikors taghha datat 9 ta' Awwissu 2024 bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta Reman Services Limited"**

wara li rat li fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2024 il-Qorti ħalliet ir-rikors għall-provi u għat-trattazzjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni/ perentorjetà mressqa mill-intimata, għas-17 ta' Frar 2025[3],

wara li rat li fis-seduta tas-17 ta' Frar 2025 il-partijiet ressqu xi provi u imbagħad saret it-trattazzjoni bil-fomm dwar din l-eċċezzjoni preliminari, magħmula għan-nom

- tal-kumpanija intimata, mill-Avukat Dr. Joseph Zammit, u
- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Ylenia Busuttil,

wara li rat l-atti proċesswali l-oħra,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Permezz tal-ittra uffiċjali ppreżentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ottubru 2022[4] ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12, l-intimata interpellat lir-rikorrenti sabiex tħallasha s-somma ta' € 15,080.74 allegatament rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' servizzi reżi lilha. Mir-riferta[5] mad-daqqa t'għajn jirriżulta illi r-rikorrenti ġiet notifikata bl-ittra fl-20 ta' Ottubru 2022 fl-indirizz *"Level 2, Onsite Buildings, Valley Road, Birkirkara"*. Din *ex-admissis* ma weġbitx fiż-żmien stipulat għaliex skont hi ma kienetx taf biha billi l-indirizz reġistrat tagħha kien wieħed differenti u għalhekk fit-13 ta' Ottubru 2022 l-ittra ġiet reġistrata bħala titolu eżekuttiv ai termini tal-Art. 166B tal-Kap. 12. Skont ir-rikorrenti din ir-

[3] Fol 61
[4] Fol 22-23
[5] Fol 22 wara

reġistrazzjoni saret bi żball peress illi hija ma kienetx notifikata kif imiss u proprju għalhekk intavolat din il-proċedura ai termini tal-Art. 166A(5)(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta b'talba sabiex il-Qorti tiddikjara rexiss, null u bla effett it-titolu eżekuttiv miksub (flimkien mal-mandat eżekuttiv ottjenut abbażi tagħha).

2. Fir-risposta tagħha l-intimata eċċepiet b'mod preliminari illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija "preskritta u perenta ... stante illi l-azzjoni ma tressqitx fi żmien 20 ġurnata mill-ewwel notifika li saritilha ta' xi mandat eżekuttiv jew att ġudizzjarju ieħor msejjes fuq it-titolu eżekuttiv in kwistjoni.

3. Dan id-digriet ma jitrattax il-mertu tar-rikors promotur iżda jittratta biss din l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimata li għandha tiġi disposta qabel l-oħrajn għaliex jekk tintlaqa', ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-Qorti tkompli tqis it-talbiet l-oħra tar-rikorrenti.

4. L-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 li fuqu hija msejsa l-azzjoni tar-rikorrenti, taqra kif ġej:

> **'166A (5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur <u>fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu</u>, il-qorti tkun sodisfatta:**
>
> **(i) <u>li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss</u>; jew**
>
> **(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):**
>
> **B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.'**

5. Fil-każ in eżami jirriżulta *inter alia* s-segwenti:

   - fil-**<u>11/10/2021</u>** soċjetà ċivili bl-isem ta' WH Partners fetħet ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) taħt il-proċedura tal-Art. 166A tal-Kap. 12 flimkien ma' mandat kawtelatorju (bin-numru 2014/2021) fil-konfront tal-intimata (Wing & Sun International Limited) għal ammont ta' € 6,086.86 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi reżi lilha. Ir-rikorrenti (Reman

Services Limited) kienet notifikata bħala <u>sekwestratarja</u> b'tali mandat u fid-**<u>29/10/2021</u>** din għaddiet biex tippreżenta ċedola ta' depożitu bin-numru 3061/2021. Sadanittant għal kull bwon fini, l-ittra ġiet ikkontestata u sussegwentement WH Partners fetħet kawża kontra l-intimata li imbagħad però ġiet ċeduta

- fit-**<u>13/10/2022</u>** ġiet ippreżentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ittra uffiċjali ai termini tal-Art. 166 tal-Kap. 12 bin-numru 105/2022 (dik mertu tar-rikors odjern) mill-intimata kontra r-rikorrenti għall-ammont ta' € 15,080.74 rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' servizzi reżi lilha

- flimkien mal-ittra uffiċjali fit-**<u>13/10/2022</u>** ġie ippreżentat kontestwalment mandat ta' sekwestru kawtelatorju, liema mandat ma ġiex notifikat lir-rikorrenti peress illi meta l-marixxal tal-Qorti prova jagħmel hekk fl-14 ta' Ottubru 2022 huwa "*ma sabx l-indirizz Onsite Buildings ġewwa Valley Road Birkirkara*[6]".

- Ftit jiem wara, ossia fl-**<u>20/10/2022</u>**, il-marixxal tal-Qorti nnotifika l-ittra uffiċjali lir-rikorrenti (b'mod skorrett skont l-istess rikorrenti għar-raġuni ġja ndikata) fil-fond "*Level 2, Onsite Buildings, Valley Road, Birkirkara*" u l-ittra ġiet sussegwentement reġistrata bħala titolu eżekuttiv.

- Fis-**<u>17/01/2024</u>**[7] il-Qorti laqgħet it-talba tal-intimata għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti. Fit-18/01/2025[8] il-marixxal ma rnexxielux jinnotifika lir-rikorrenti bil-mandat peress illi ma sabx lir-rikorrenti fl-indirizz mogħti "*Level 2, Onsite Buildings, Valley Road, B'Kara*"[9].

- Fit-**<u>13/03/2024</u>**[10], l-intimata (Wing & Sun) ppreżentat rikors ta' żbank fl-atti taċ-ċedola tad-depożitu 3061/2021 (li kif ngħad iżjed 'l fuq kienet ġiet ippreżentata mir-rikorrenti Reman Services Limited bħala sekwestratarja fl-

---

[6] Fol 26 wara
[7] Ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv ġie intavolat fis-16 u mhux fit-18 ta' Jannar 2024 kif erronjament indikat mir-rikorrenti fir-rikors tagħha.
[8] U mhux fid-19 ta' Jannar 2024 kif erronjament indikat mir-rikorrenti fir-rikors tagħha.
[9] Fol 16 wara
[10] Fol 41-43

atti tal-mandat kawtelatorju li WH Partners kienet intavolat kontra Wing & Sun) b'talba lil din il-Qorti diversement presjeduta sabiex titħalla tiżbanka l-ammont depożitat akkont tal-ammont ta' € 15,080.74 (flimkien ma imgħax u spejjeż) allegatament dovut lilha mir-rikorrenti Reman Services Limited. Din tal-aħħar ġiet notifikata bir-rikors ta' żbank fit-**23/04/2024**[11] ġewwa l-indirizz *"Level 5, Quantum Hosue, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex".*

- Fid-**09/08/2024** ġie intavolat ir-rikors odjern mir-rikorrenti sabiex ai termini tal-Art. 166A(5)(i) titlob ir-rexissjoni tat-titolu eżekuttiv ottjenut abbażi tal-ittra uffiċjali 105/2022

6. Fl-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimata, din tisħaq li l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta u perenta peress illi għaddew iktar minn 20 ġurnata minn mindu kienet ġiet notifikata bir-rikors ta' żbank fuq imsemmi, liema rikors kellu deskrizzjoni tal-ittra uffiċjali *de quo* u kellu ukoll kopja tal-istess ittra uffiċjali annessa miegħu.

**Kunsiderazzjoni**

7. Qabel xejn għal kull bwon fini jrid jingħad illi l-Art. 166A(5) jipprovdi għal terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, kif sollevat mill-intimata. Il-ġurisprudenza tagħmel distinzjoni netta bejn il-preskrizzjoni u d-dekadenza[12]. Kif ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Sammut et. v. Johanna Adriana Fenech Dekkers** (PA, Rik. Ġur. Nru. 1078/2010/CFS, 28/01/2022):

> "Fil-qosor, għad li kemm it-terminu ta' dekadenza u kif ukoll it-terminu ta' preskrizzjoni għandhom il-poter li jitfu u joħonqu azzjoni legali meħuda quddiem il-qrati, id-differenza ewlenija bejn dawn iż-żewġ termini huwa li filwaqt li fil-każ ta' terminu ta' dekadenza ż-żmien imsemmi fil-liġi ma jistax jiġi mtawwal jew imġedded wara l-għeluq tiegħu, mill-banda 'l oħra fil-każ ta' żmien ta' preskrizzjoni, it-terminu li fih għandha titressaq azzjoni ġudizzjarja skont il-liġi jista' jiġi mtawwal wara l-għeluq tiegħu, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi ta' interruzzjoni jew ta' sospensjoni li jissemmew espressament fil-liġi."

[11] Fol 60

[12] Għal ġabra qasira ta' din il-ġurisprudenza wieħed jista' jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ursula Ellul Sullivan v. RECC Ltd** (QTM, Rik 83/2020, deċiż 11/04/2022)

8. Dwar jekk l-azzjoni tar-rikorrenti ġietx intavolata *fuore termine* jew le, jrid jitqies biss dak li jipprovdi l-leġislatur u ċioe illi l-azzjoni għandha tiġi intavolata fi żmien għoxrin (20) ġurnata:

   - minn meta r-rikorrenti ġiet notifikata għall-ewwel darba b'mandat eżekuttiv msejjes fuq it-titolu eżekuttiv mertu ta' dan ir-rikors, **jew**

   - minn meta r-rikorrenti ġiet notifikata għall-ewwel darba **b'xi att ġudizzjarju ieħor msejjes fuq tali titolu eżekuttiv**

9. Ir-rikorrenti saħqet fit-trattazzjoni fuq din l-eċċezzjoni li r-rikors ta' żbank msemmi mill-intimata ma jista' qatt jikkwalifika bħala *"att ġudizzjarju ieħor"* billi tali rikors ma kienx imsejjes fuq it-titolu eżekuttiv in kwistjoni.

10. Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti għandha raġun. Ir-rikors ta' żbank imsemmi ġie ippreżentat mill-intimata fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu ppreżentata mir-rikorrenti li, kif ingħad iktar 'l fuq, wara li kienet ġiet notifikata bħala sekwestranta b'mandat kawtelatorju ppreżentat minn terza kumpanija kontra l-intimata (bi pretiża totalment differenti u independenti minn dik tal-intimata kontra r-rikorrenti), ippreżentat tali ċedola **fl-atti ta' dak il-mandat** sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbilità u tissoddisfa id-dettami tal-liġi. Jekk dan ir-rikors ġiex effettivament milqugħ minn din il-Qorti diversement presjeduta, m'huwiex ċar peress illi ma ngħatat l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward, iżda fis-sew m'huwiex ta' rilevanza għal din il-Qorti fl-ambitu tar-rikors odjern.

11. Li hu żgur però huwa illi r-rikors ta' żbank in kwistjoni ma kienx imsejjes fuq it-titolu eżekuttiv ottjenut mill-intimata abbażi tal-ittra uffiċjali mertu tar-rikors odjern, billi kien intavolat sabiex jiżbanka ċedola li ġiet ippreżentata fl-atti ta' mandat kawtelatorju ppreżentat minn kumpanija terza li m'għandha x'taqsam xejn ma' dawn il-proċeduri. Huwa minnu, kif qalet l-intimata, li r-rikors ta' żbank jagħmel riferenza għall-ittra uffiċjali mertu ta' dan ir-rikors u jikkontjeni ukoll kopja tiegħu. Huwa ukoll probabbli illi allura l-kumpanija rikorrenti kienet taf bl-eżistenza tal-ittra uffiċjali in kwistjoni meta ġiet notifikata bir-rikors ta' żbank fit-23 ta' April 2024. Però b'daqshekk ma jfissirx illi dakinhar beda għaddej it-terminu stipulat fl-Art. 166A(5) billi dan b'mod ċar jipprovdi illi l-att ġudizzjarju jrid ikun **imsejjes** fuq it-titolu eżekuttiv in kwistjoni. L-interpretazzjoni diversa mressqa mill-intimata, bir-rispett lejha, ma jistax ħlief jitqies bħala tentattiv inutli ta' ġinnastika legali. Kien

ikun totalment differenti l-każ li kieku r-rikors ta' żbank in kwistjoni ġie ippreżentat fl-atti ta' xi ċedola ppreżentata minn xi sekwestratarju notifikat bil-mandat eżekuttiv li l-intimata intavolat kontra r-rikorrenti **<u>abbażi tat-titolu eżekuttiv mertu ta' dan ir-rikors</u>**.

**Deċiżjoni**

12. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-intimata u għal kull bwon fini tiddikjara ukoll illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma ġietx intavolata *fuore termine* ai termini tal-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**L-ispejjeż huma riservati għall-ġudizzju finali.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur